**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Settembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**

**vs**

**Tony Zammit**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Tony Zammit ta' 43 sena, iben Frank u Gracie xebba' Galdes, imwieled gewwa l-Awstralja nhar it-13 ta' Ottubru 1978, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 158192M u residenti gewwa 32, Australia HSE, Triq San Gorg, Qormi

Akkuzat talli:

1. nhar il-25 t'April 2022 għall-ħabta tas-siegħa u kwart (13:15 hrs) u siegħa u nofs (13:30Hrs) minn ġewwa Triq Cordina Perez, Hamrun ikkometta serq ta' gojjellerija minn fuq il-persuna ta' Ludgarda Frendo anzjana ta' 82 sena, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w

għoxrin Euro u sebgħa' w tletin centezmu (€2329.37) u li sar għad-dannu ta' l-istess Ludgarda Frendo u / jew persuni oħra u/jew entatitajiet ohra.

2. Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-Magistrat Dr Rachel Montebello fid-digriet tagħha tal-24 ta' Jannar 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

3. Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-Magistrat illum Imhallef Dr Audrey Demicoli fid-digriet tagħha tal-20 ta' April 2021 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

4. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2022 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra

tieghu hija ta’ tnax (12)-il sena habs kif ukoll li jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta id-depozitu ta’ tlett elef euro (€3,000), l-garanzija ta’ tnax-il-elf euro (€12,000), id-depozitu ta’ elf euro (€1,000) u l-garanzija ta’ ghaxart elef euro (€10,000) imposti fiz-zewg digrieti ghall-helsien mill-arrest, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet ix-xhieda u rat il-*pre-sentencing report* tal-Ufficjal tal-Probation Anabel Bugeja tat-22 ta’ Jannar 2022.

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

8. Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

9. Ghal fini ta’ piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u ghaldaqstant ma heliex il-hin tal-forzi ta’ l-ordni u ta’ dawn il-Qrati.

10. Il-fedina penali ta’ l-imputat hija wahda raffrettarja u fiha wiehed u ghoxrin (21) faccata. Apparti zewg kundanni ghal pussess semplici ta’ droga, kundanna ghal traffikar tad-droga, ksur tal-ligijiet ta’ sewqan, u tal-ligi dwar il-VAT, il-kumplament tal-kundanni huma kollha ta’ sensiela ta’ serq ikkwalifikat, li l-ewwel kien predominatament ta’ karozzi jew minn karozzi, u eventwalment nbiddel ghal serq ta’ deheb minn fuq persuni, hafna drabi irid jinghad minghajr ma jwegghahom.

11. L-imputat jattribwixxi t-tort ghal hajja kriminali li qabad ghal fatt li ta’ ghaxar (10) snin il-familja tieghu gew joqghodu lura Malta mill-Awstralja, u hu ma kienx jaf jitkellem

bil-Malti, u ma integrax fis-sistema edukattiva. Pero mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat ghandu hames hutu, presso o poco sena jew tnejn bejniethom differenza fl-eta. Ghalkemm din il-Qorti m'ghandhix dubbju li anke hutu sofrew din it-trauma f'hajjtihom, hadd minnhom ma jidher li qabad it-triq tal-kriminalita.

12. L-imputat jghid li hu qabad il-vizzju tad-droga, l-ewwel darba li dahal il-habs minn gewwa l-habs stess. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument dan hu veru – li allura jkun jfisser li l-istituzzjoni tal-habs falliet fil-kaz tieghu – mill-fedina penali jirrizulta li tul is-snin dawn il-Qrati tawh diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu. Fil-fatt huwa inghata sentenza sospiza u xejn inqas minn sitt ordnijiet ta' probation. Pero ghalkemm l-imputat ghamel xi attentati biex jirrabilita ruhu, finalment, ghal raguni jew ohra, baqa' jippersisti li jkompli fit-triq tal-kriminalita li qabad.

13. Il-vittma fil-kaz odjern hija anzjana ta' tnejn u tmenin (82) sena, li mill-istills tas-CCTV footages ezebiti tidher li timxi bil-bastun. L-imputat gera ghal fuqha u qaccat il-gizirana li kienet liebsa ma ghonqha, u telaq jigri. Huwa ovvju li dan is-serq seta' kellu konsegwenzi hafna iktar serji ghal vittma, anzjana fragili. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li ghalkemm l-imputat ma jsib l-ebda problema jiskuza ruhu mal-vittma, huwa irrifjuta jaghtiha kumpens lura.

14. Min-naha l-ohra il-gizirana misruqa li kienet tiswa madwar elf Euro (€1000.00), kellha valur sentimentali ghall-vittma, stante li kienet rigal minghand zewgha li llum il-gurnata huwa mejjet. Fil-fatt iktar milli kumpens monitarju jew li l-imputat jintbaghat il-habs, hija qalet lill-Ufficjal tal-Probation li xtaqet biss tinghata lura l-gizirana innifisha – haga li mhux possibli stante li l-gizirana ma nstabitx fil-pusses tal-imputat.

15. L-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet ir-rapport taghha hekk:

*"**Pjan ta' Kura***

*Anthony Zammit ammeta l-kaz odjern izda jiggustifka l-agir tieghu minhabba l-vizzju tad-droga. Jidher li dan il-vizzju huwa d-diffikuta principali li jzomm lill-imsemmi milli jadotta hajja aktar ekwa barra fis-socjeta u ma jiftahx kazijiet kriminali. L-informazzjoni migbura turi li minkejja n-numri ta' tentattivi sabiex jindirizza l-*

*problema tad-droga, huwa difficli ghall-imputat sabiex jaghmel dan barra fis-socjeta. Ghaldaqstant, dan ghandu jsir b'mod tassattiv u f'ambjent ikkontrollat.*

***Rakkomandazzjoni***

*Fid-dawl tal-informazzjoni kollha migbura specjalment meta wiehed iqis il-gravita tal-kaz odjern, jinhass il-bzonn li l-piena tkun wahda karcerarja. Ghaldaqstant, qed jigi umilment rakkomandat li Anthony Zammit jinghata sentenza ta' habs effettiv. Din is-sentenza ghandha teccedi l-perjodu ta' sentejn, anke meta jitnaqqas il-perjodu mizmum taht arrest u sabiex l-imputat ikun elegibbli sabiex isegwi programm ta' riabilitazzjoni fi hdan Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi."*

16. B'leata fit-trattazzjoni orali, id-difiza ma ikkontestatx il-fatt li piena karcerarja taghmel gid lill-imputat ghax permezz taghha huwa forsi anke jaqbad it-triq ghar-riforma.

17. Il-Qorti taqbel mal-piena suggerita mill-Ufficjal tal-Probation, u hija tal-opinjoni li tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-piena ghandha ixxaqleb lejn il-minimu. Pero tenut kont tal-antecedenti voluminuzi tal-imputat, din il-piena ghandha tizdied bi tlett gradi ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

18. Billi l-piena massima ghar-reat ta' serq *de quo* hija ta' tlett snin (Artikolu 278(2) tal-Kodici Kriminali), il-Qorti m'hix sejra izzid din il-piena bi grad stante li s-serq gie kommess fuq anzjana, u dan ai termini tal-Artikolu 257D(b) tal-Kodici Kriminali.

19. Kif sewwa irrelevat id-difiza, illum il-gurnata din il-Qorti ghandha diskrezzjoni li ma tordnax il-konfiska tal-garanzija kollha moghtija sabiex jigu osservati l-kundizzjonijiet fiz-zewg digrieti ghall-helsien mill-arrest. Fil-kaz odjern, l-ammont komplessiv ta' garanziji imposti fiz-zewg digrieti ghall-helsien mill-arrest jammontaw ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf Euro (€26,000). Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li ma jkunx idoneu tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, li din is-somma tigi konfiskata fl-intier taghha.

**Konkluzjoni**

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 261(b) u (c), 267, 278(2), 280(2), 257(D)(b), 20, 579(1) u (2), 49, 50 u 289 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba' (4) snin, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

2. Inoltre il-Qorti qed tirrevoka id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tal-24 ta' Jannar 2019 moghti minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Rachel Montebello, u tordna l-arrest mill-gdid tal-hati, u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' tlett elef Euro (€3,000) depozitu imposti fl-istess digriet tal-ħelsien mill-arrest.

3. Inoltre il-Qorti qed tirrevoka id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tal-20 ta' April 2021 moghti minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr Audrey Demicoli, u tordna l-arrest mill-gdid tal-hati, u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf Euro (€1,000) depozitu u l-ammont ta' elf Euro (€1000) iehor formanti parti mill-garanzija personali imposti fl-istess digriet tal-ħelsien mill-arrest, li jekk ma jithallsux, ghandu jigi konvertiti f'perjodu ulterjuri ta' prigunerija skond il-ligi.

4. In oltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lil hati biex ihallas lil Ludgarda Frendo is-somma ta' elf Euro (€1000), bhala kumpens ghal gizirana tad-deheb li serqilha, minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe ammont iehor li jista' jkun dovut lilha skond il-ligi.

   Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

21. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lil dawk il-Qrati li quddiemhom jinsabu pendenti z-zewg proceduri kriminali pendenti kontra l-imputat.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**